Li hemm ħażin mhux f'dawn il-mezzi, iżda fin-nuqqas ta' umiltà li kull ma jmur dejjem qiegħda tonqos. U għaldaqstant għandna nħarsu lejn San Ġużepp li ħadem fis-skiet u mingħajr daqq ta' trombi. U dan sabiex tabilħaqq nibqgħu miftuħin għall-oħrajn. Kif qal tajjeb il-Qdusija Tiegħu Il-Papa Franġisku: "Il-mastrudaxxa ta' Nazaret isejħilna mill-ġdid għall-urġenza li nerġgħu nsibu sens ta' kalma tajba, ta' sabar. Bis-skiet tiegħu jfakkarna li kollox jibda mis-smigħ, milli mmorru lil hemm minna nfusna biex ninfetħu għall-kelma u għall-istorja tal-oħrajn." (1 ta' Mejju 2018)

Min dan li qed jgħid il-Papa Fanġisku nistgħu noħorġu żewġ riflessjonijiet oħra: Alla għażel ambjent umli biex jiġi fostna sabiex ikun bħalna. Ġużeppi, ma kien qatt jistenna li jitkabbar jew li jitgħolla imma kellu sehem ewlieni fl-istorja tas-salvazzjoni. Il-Knisja hija kif jgħid San Pawlu ġisem wieħed (1 Kor 12, 12-14.27) u dawk interni, dawk li ma jidhrux, jaf ikunu l-aktar vitali. Fl-Enċiklika Quamquam pluries, il-Papa Ljun XIII jgħidilna: "Ġużeppi, imnissel minn demm is-slaten, ingħaqad fiż-żwieġ mal-eqdes fost in-nisa u sar missier l-Iben t'Alla u qatta' ħajtu fil-ħidma frott għaraq il-ġbin biex iġedded il-familja tiegħu u dan hekk li l-kundizzjoni taċ-ċkejkna u l-umli ma għandu jkun hemm fiha ebda mistħija imma bil-maqlub, minnha jitnissel il-virtu'. Ġużeppi, kuntent b'dak li għandu, ħa fuqu l-provi kollha u kien ta' servizz għall-Iben li ħa fuqu n-natura ta' lsir frott ir-rieda ħielsa u tneżża' minn kollox."



Li nimitaw lil Ġużeppi jfisser li nneħħu l-piki minn fostna, l-kilba żejda għall-flus u l-poter, it-twaddib ta' tajn lejn xulxin, il-bsaten fir-roti li nagħmlu lill-xulxin u bosta ħsara. Kif qalilna L-Arċisqof Mons Charles J. Scicluna (12 ta' Lulju 2020) fil-quddiesa ta' San Ġużepp, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop: "X'se jgħidilna San Ġużepp? Jgħidilna biex nitqatlu bħall-klieb u l-qtates? Biex ikollna rabja ma tispiċċa qatt għal xulxin? Jew jgħidilna li fis-silenzju tagħna nagħmlu opri ta' mħabba, li nħobbu lil xulxin, li naħfru lil xulxin?"

**Nieħdu Azzjoni**

Xi drabi wisq niffukaw fuq is-silenzju ta' San Ġużepp u forsi b'mod ħażin ninterpretawh li kien dgħajjef. Dan altru li mhux il-każ kif insibu b'mod ċar mir-rakkont Bibliku. San Ġużepp ma beżax jieħu azzjoni: Ma beżax jagħmel dak li hu sew. U dan iġibna għal riflessjoni: Qed niddefendu dak li huwa ġust, lil dawk li huma fil-periferija tas-soċjetà? Qed nitkellmu dwar dak li moralment huwa sewwa anke jekk ma nimxux mal-kurrent ta' żminijietna?

Ser inħares lejn dawn it-tliet azzjonijiet mill-Iskrittura, li ta' min ngħidu ma kienu faċlu xejn. Ġużeppi kellu l-kuraġġ biex jieħu deċiżjoni iebsa meta l-anġlu qallu "Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu" (Mt 2:13). U hawnhekk, Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu billejl u telaq lejn l-Eġittu, (Mt:2:14-15). Imbagħad Ġużeppi reġa' irritorna għax "min ried joqtol lit-tifel miet hu" (Mt 2:20).